MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2011

Numru. 477/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**

**vs**

**Irene Medina**

Il-Qorti,

Rat li l-imputata Irene Medina ta’ 44 sena, bint Alan u Salvina nee’ Camilleri, mwielda Mtarfa nhar it-28 ta’ Mejju 1966 u residenti gewwa Susan, Triq il-Qaliet, Marsaskala u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 238666(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

B’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda.

1. Fix-xhur ta’ Frar u Marzu tas-sena 2011 minn gewwa Portview Flats, Flat 2, Triq il-Qrempuc, Marsaskala ikkommettiet serq ta’ 210 Euro liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-lok ghad-dannu ta’ Marie Jenna Castel u Allan Bjorn Rasmussen:

Rat l-atti kollha ta’ dan il-prosediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta’ Marzu 2011 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tas-26 ta’ Mejju 2011 iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-26 ta’ Mejju 2011 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq sabiex jekk trid terga lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuza kif dedotta kontra taghha.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 268 u 269 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputatazzjoni migjuba fil-konfronti taghha kif minnha

ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna lill-imputata sabiex sa zmien sitt(6) xhur millum thallas lil Marie Jenna Castel u Allan Bjorn Rasmussen is-somma ta’ mitejn u ghaxar ewro (€210).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------